KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 09

It-Tnejn, 28 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fis-6.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Max Zammit, il-Vici Sindku Sarah Borg u l-Kunsillieri Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat u Ronald Portelli.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Sindku: Max Zammit, Vici Sindku: Sarah Borg,
Kunsilliera: Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat, Ronald Portelli

Ta' Xbiex Local Council, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 08 li saret nhar il-Hamis, 22 ta' Mejju, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 Ma kienx hem hwejjeg li jirrizultaw mill-Minuti.

4 STUDJU DWAR IL-KAPACITA` TA' TOLLERANZA TAL-IZVILUPP – CARRYING CAPACITY

4.1 Il-Kunsillier Cachia Castelletti qajmet kuxjenza dwar diversi sitwazzjonijiet li mas-snin il-lokal ta' Ta' Xbiex iffacja u ghadu qed jaffacja. Il-Kunsill qabel li jitkellem mar-Regjun dwar dan ghax anki huwa ghaddej b'diskussjonijiet simili. Il-Kunsill ghandu jara l-ezitu ta' dan l-istudju jekk jiffukax dwar Ta' Xbiex, sabiex wiehed ikun jista' jkompli jesplora studji ohra.

5 SITWAZZJONI FINANZJARJA

5.1 Is-Sindku qal li kull meta tressqu l-Financial Statements fi snin l-imghoddija dejjem inghatat informazzjoni li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija healthy. Huwa qal li l-Agent Segretarju Ezekuttiv kien sab li hemm ammont konsiderevoli ta' flus fil-kontijiet tal-Kunsill li huma gejjin minn skemi varji u li anki jmorru lura sal-2017. Dawn il-fondi ma jkunux jistghu jintuzaw ghal affarijiet ohra izda biss ghall-iskop li jkunu inghataw mill-iskema.

5.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jaghmel minn kollox biex dawn il-fondi ma jintilfux u jsir xi haga bihom. Per ezempju ppropona li wara li l-Kunsill ma baqax f'kuntatt mal-qassis li ghamel il-muzajk f'Ta' Pinu, ghandha tohrog sejha ghal interess sabiex isir il-progett tal-muzajk jew xi haġa simili u b'hekk jinghata dehera partikolari. Huwa qal li l-Kunsill ghandu jitkellem ukoll mal-Perit tal-Kunsill sabiex jigi stabbilit jekk dawn il-progetti jistghux jitkomplew. Huwa qal li l-Kunsill se jibqa kawt fl-infieq tieghu, bhal ma dejjem kien.

6 MAGNA BCRS

6.1 Il-Kunsill unanimament qabel li l-magna tal-BCRS li hemm fil-lokalita` ghandha titnehha minhabba l-inkonvenjenti kbar li qed tikkawza. Ghandha tigi mistharrga l-possibilita` li tigi rilokata fil-vicinanzi ta' SPAR supermarket.

7 KORRISPONDENZA

7.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

8.1 ***Bord tal-Ghazla – Segretarju Ezekuttiv:*** Is-Sindku ppropona li l-Bord tal-Ghazla sabiex jintghazel Segretarju Ezekuttiv ikun maghmul mis-Sindku, Vici Sindku u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8.2 ***Harga ghar-Residenti:*** Il-Vici Sindku qalet li kienet qed torganizza harga ghar-residenti ta' Ta' Xbiex flimkien mal-Kunsill Lokali Gharghur. Din hija ppjanata li ssir f'nofs Sttembru u tinkludi dawra M'Xett u l-Port il-Kbir, hobza u drink. Qed tipprova tirranga wkoll biex tinkludi gwida. Kien hemm qbil dwar dan.

8.3 ***Harga ghal Ghawdex:*** Is-Sindku fakkar li ser ikun hemm il-harga ghal Ghawdex fil-31 ta' Lulju.

8.4 ***Newsletter:*** Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Cachia Castelletti qablu li kienu se jippreparaw newsletter ghal pubblika. Kien hemm qbil unnaimu dwar dan.

8.5 ***Attivitajiet Kulturali:*** Kien hemm qbil li Jum Ta' Xbiex isir f'Gunju filwaqt li Connecting Through Culture issir f'Settembru.

8.6 ***Periklu fi Triq ix-Xatt filghaxijiet fil-weekend:*** Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li l-ammont kbir ta' nies barra fuq il-bankini u anki fit-triq, filghaxijiet, specjalment fil-weekends, huwa wiehed kbir u perikoluz. Dawn in-nies ikunu wkoll ikkunsmaw ammont ta' alcohol li jkompli jzir il-periklu f'din iz-zona. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jara l-hinijiet li ghandhom fil-permessi taghhom tal-hwienet u l-Kunsill jaddatta l-eghluq tat-triq skond dan.

8.7 ***Agreement Notebook Center:*** Is-Sindku ppropona li jigi mgedded l-agreement ma' The Notebook Centre. Kien hemm qbil unanimu dwar dan imma jkun tajjeb jekk il-Kunsill ikun infurmat kemm kienu marru nies li bbenefikaw minn dan l-agreement.

8.8 ***Attivita` f' Novembru:*** Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li kienet giet ikkuntattjata sabiex il-Kunsill jippartecipa f'attivita` relatata mal-arti fejn vintage bus iddur mat-toroq u taghmel waqfa fil-lokal. Irid jinstab artist lokali sabiex in-nies jiltaqghu mieghu. Din l-attivita` hija pjanata ghal Novembru.

9 MISTOQSIJIET

9.1 Kotba li hemm fl-istore: Il-Kunsillier Muscat saqsa x'se jaghmel il-Kunsill b'dawk il-kotba li hemm fl-istore. Is-Sindku ppropona li jsir xi book sale jew tinstab xi ghaqda li tehodhom. Dak li ma jittehidx tingieb skip biex jintrema li jibqa'.

9.2 Tromba tal-Komun: Il-Kunsillier Muscat qal li hemm bzonn ta' manutenzjoni fit-tromba tal-komun. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara jekk dan jistghax isir mill-haddiema tal-Kunsill.

10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

10.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 108. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

11. TMIEM

11.1 Fit-8.30pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Agent Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Max Zammit
Sindku